**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 23 ta' Jannar 2020**

**Kawza Numru: 4**

**Rikors Kostituzzjonali Numru:- 108/2018 JVC**

**Jason James Agius (ID. 229590M)**

**vs.**

**L-Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrenti Jason James Agius ikkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. Illi nhar is-7 ta' Settembru 2017 waqt li r-rikorrent kienet fi hdan il-mitjar nazzjonali u hu sejjer lejn Dubai huwa gie

mwaqqaf mill-awtoritajiet u wara tfittixja li saret fuqu nstab li kellu fuq il-persuna tieghu somma ta' €36,355;

2. Illi dakinhar is-somma €26,355 giet ikkonfiskata u wara li ammetta fl-istqarrija li rrilaxxa r-rikorrent gie nfurmat li sejrin jittiehdu proceduri kriminali kontrieh;

3. Illi in effetti, nhar il-25 ta' Ottubru 2018, l-esponent tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (distrett taz-Zejtun) u l-kawza giet differita 24 ta' Jannar 2018, pendenti l-ezitu ta' dawn il-proceduri;

4. Illi r-rikorrent gie akkuzat bi ksur tal-artikolu 3 tal-legislazzjoni sussidjarja 233.07 u cioe Regolamenti Dwar Il-Kontroll Ta' Flus;

5. Illi dak ir-reat jikkontempla zewg sanzjonijiet kumulattivi, il-multa ekwivalenti ghal hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) tal-valur tal-flus li jkunu jingarru izda wkoll l-konfiska tassattiva tal-flus mhux dikjarati li jeccedu l-€10,000;

6. Illi ghalhekk jekk l-esponent jammetti quddiem il-Qorti tal-Magistrati jew jinstab hati minn dik il-Qorti, huwa jehel tassattivament multa ta' €9,088.75 u konfiska tas-somma ta' €26,355 – b'kollox €35,443.75 u dik il-Qorti m'ghandhiex diskrezzjoni li tvarja l-piena. Dan ifisser illi l-konfiska u l-multa flimkien ser jeccedu l-ammont ta' flus li l-esponent allegatament kien ser johrog minn Malta bi ksur tar-regolamenti citati;

7. Illi r-rikorrent iqis illi dawn ic-cirkostanzi wasslu u sejrin iwasslu ghal-ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu hekk kif sanciti kemm fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 korrispettiv tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;

8. Illi ghal dak li jikkoncerna nuqqas ta' smiegh xieraq jinghad lir-rikorrent jilmenta mill-fatt li fir-rigward tal-qbid tal-flus li diga sehhet, r-rikorrent m'ghandu l-ebda rimedju u ma tezisti l-ebda procedura li tippermetti lir-rikorrent jikontesta dan il-qbid u jitlob ir-rilaxx tal-istess;

9. Illi ghalhekk dan in-nuqqas ta' qafas legali jikkostitwixxi nuqqas ta' access ghal qorti, li huwa element essenzjali tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 korrispettiv tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;

10. Illi fir-rigward ta' ksur ta' dritt ta' propjeta', jinghad li element essenzjali ta' dan id-dritt huwa l-proporzjonalita' u l-bilanc gust bejn l-ghan ta' xi ligi partikolari u s-sanzjonijiet impost sabiex jigu salvagwardjati l-interess pubbliku;

11. Illi f'dan il-kuntest l-esponent jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Grifhorst v. France (App Numru: 28336/02) moghtija nhar is-26 ta' Settembru 2009 fejn hemmhekk dik il-Qorti sabet vjolazzjoni propju ghaliex l-applikant li ma kienx iddikjara ammont ta' flus meta dahal Franza, gew ikkonfiskati lilu kemm l-ammont ta' flus mhux

dikjarat kif ukoll multa ekwivalenti ghan-nofs ta' dak l-ammont. Din is-sentenza tinsab biss fil-lingwa Franciza, izda l-esponent ittanta jaghmel traduzzjoni tal-parti saljenti bl-Ingliz.

Illi dik il-Qorti rriteniet hekk:

"94. Remains to be seen whether the authorities in this case provided a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim pursued. In other words, the Court must determine whether a fair balance has been struck between the demands of the general interest and the protection of fundamental rights of the individual, taking into account the margin of appreciation afforded to the State such matters;

95. The Court is first attached to the conduct of the applicant. She notes that abstained, despite requests twice by customs to declare large sums he was carrying. In doing so, he knowingly violated the obligation laid down in Article 464 of the Customs Code, to declare the border crossing any amount exceeding a certain treshold (7 600 EUR at the time);

96. The Government also relies on the information provided by the Dutch authorities about the criminal acitivities of the applicant. In this regard, the Court notes that, according to fax the attached Customs Embassy of France in the Netherlands 29 January 1996, the applicant is "known legal services" to events dating back to 1983 (including threats, extortion, kidnapping and possession of firearm). According to the same attached fax of 23 April 1997, the only known

activity is real estate and it is suspected by the Dutch police to use the front for money laundering;

97. However, the Court notes that it is not apparent from the record that the applicant has been subject to prosecution and conviction of the Chief or offenses (including drug trafficking), whether in the Netherlands or Andorra where he resides. The Court also observes that, in its conclusions before the criminal court, the customs administration acknowledged that the amount seized him was consistent with his personal fortune;

98. The only criminal behavior that could be held against the applicant is in the fact of not having declared the passage of the Franco-Andorran cash he was carrying. The Government has also not claimed that the money would be transported from illicit activities or for such activities;

99. The Court therefore considers that the present case is distinguishable from similar cases it has heard so far, where forfeitures ordered by the domestic authorities were twofold: either they applied to the object of the offense (AGOSI Bosphorus Airways and above) or the means used to commit (see Air Canada supra, supra decision CM and, mutatis mutandis, Yildirim c. Italy (dec.), no 38602 /02, ECHR 2003 –IV), or they were for alleged property acquired through criminal activities (see in drug trafficking Phillips decision above and, mutatis mutandis, Welch c. United Kingdom, judgment of 9 February 1995, Series A No. 307 –A, and in activities of mafia-type organizations Raimondo

judgment and decisions cited Arcuri and Riela above) or are designed in such activities (Butler decision cited above);

100. The Court also had regard to the severity of the penalty that has been imposed on the applicant for failure to report, namely the combination of the confiscation of all that sum, or 233 056 EUR, with a fine equal half of this amount (116 528 EUR) or in total 349 584 EUR. It notes that under section 465 of the Customs Code in the version in force at the material time, the failure to disclose automatically entailed the confiscation of the entire amount, only the fine can be modulated by domestic courts (25 to 100% of the amount unreported);

101. The Court notes that, among the other member states of the Council of Europe, the most common sanction expected is a fine. It can be combined with a penalty of confiscation, especially when the legal origin of the amounts transported is not established, or if criminal proceedings against the person concerned. However, when provided, confiscation relates generally to the remainder of the amount exceeding the amount reported, only one other state (Bulgaria) provides the combination of a fine up to twice the amount unreported with automatic forfeiture of the full amount;

102. The Court agrees with the approach of the European Commission in its reasoned July 2001 (see paragraph 29 above) opinion, noted that the penalty should reflect the gravity of the infringement, namely breach of statement and not the seriousness of any infringement not found at this stage, an offense such as money laundering or tax evasion;

103. The Court notes that as a result of this reasoned opinion the French authorities amended section 465 supra. In the version entered into force on 1 October 2004, this article provides more automatic confiscation and the fine was reduced to a quarter of the amount on which the infringement relates. The sum unreported is now recorded for a maximum of six months, and forfeiture may be imposed in this period by the courts when there are indications or reasonable suspicion that the person has committed other offenses the Customs Code or currently involved. In the opinion of the Court, such a system helps maintain the right balance between the demands of the general interest and the protection of fundamental rights of the individual;

104. Finally, the Court observes that in most of the international community or texts applicable rules, reference is made to "proportionate" character must be of the sanctions by States;

105. In view of these factors and in the particular circumstances of the present case, **the Court concludes that the penalty imposed on the applicant, combining the confiscation and fine was disproportionate to the infringement committed and the balance was not respected (cf. c Ismailov. Russia, No. 30352/03, § 38, 6 November 2008);**

106. **There was therefore a violation of Article 1 of Protocol No. 1 to the Convention."** (enfasi tal-esponent)

Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi, minhabba illi l-fatt illi l-ligi ta' Malta senjatament il-legislazzjoni sussidjarja 233.07 u cioe Regolamenti Dwar Il-Kontroll Ta' Flus ma jipprovdux mekkanizmu jew proceduri fejn ir-rikorrent jista' jikkontesta l-konfiska tal-flus li allegatament ikunu ser jinhargu minn Malta in eccess ta' l-€10,000 imur kontra artikolu 39 Kostituzzjoni ta' Malta u l-korrispettiv l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;

2. Tiddikjara illi, minhabba illi l-fatt illi l-ligi ta' Malta senjatament il-legislazzjoni sussidjarja 233.07 u cioe Regolamenti Dwar Il-Kontroll Ta' Flus jistabbilixxu piena tassattiva ta' multa ta' 25% ta' l-ammont li jkun qed jinhareg minn Malta flimkien mal-konfiska ta' l-ammont in kwistjoni li jkun jeccedi l-€10,000 imur kontra artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghaliex ma jharissx il-principju tal-proporzjonalita' tal-pieni;

3. Taghti dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa ghat-twettiq ta' dawn id-drittijiet fundamentali fuq imsemmija, fosthom li i) jew tiddikjara illi m'ghandhiex tapplika l-konfiska kontemplata fl-artikolu 3(5) tal-legislazzjoni sussidjarja 233.07 u cioe Regolamenti Dwar il-Kontroll Ta' Flus, jew alternattivament ii) tiddikjara x'ghandha tkun s-sanzjoni tal-ligi f'dan il-kaz fid-dawl anke tas-sentenzi tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;

4. Tiffissa kumpens dovut lill-esponenti minhabba dan il-ksur ta' drittijiet tieghu hawn fuq indikati, mehud in konsiderazzjoni illi is-somma ta' €26,355 ilha ikkonfiskata mis-7 ta' Settembru 2017;

U dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat ir-Risposta Guramentata tal-Avukat Generali kif isegwi:

Illi l-lanjanza tar-rikorrenti hija li l-artikolu 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 233.07 jikser l-artikoli 37 u 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghaliex il-piena imposta hija wahda sproporzjonta u l-ligi ma tipprovdix mekkanizmu ta' kontestazzjoni tas-somma konfiskata in eccess ta' 10,000 euro;

Illi l-esponent jikkontesta l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti;

1. Illi r-rikorrent inqabad mill-ufficjali tal-ajruport internazzjonali ta' Malta b'somma fuqu li teccedi l-10,000 euro minghajr ma iddikjarahom mal-Kontrollur dan bi ksur flagranti tal-artikolu 3 tal-L.S. 233.07 li jistablixxi li agir bhal dan huwa reat kriminali. L-artikolu ghal dan ir-reat kriminali jistabilixxi bhala piena, f'kaz ta sejbien ta htija, multa ekwivalenti ghal hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) tal-valur tal-flus li jkunu qeghdin jingarru, liema multa ma ghandiex teccedi hamsin elf euro (€50,000) u il-qorti ghandha tordna l-konfiska favur il-Gvern tal-flus mhux

dikjarati li jkunu jeccedu €10,000. Il-legislatur ghal dan ir-reat qieghed ghalhekk jistabilixxi l-parametri tal-piena f'kaz ta' sejbien ta' htija li hija dik ta' multa u konsegwentement il-konfiska tal-flus li jeccedu is-somma ta' 10,000 euro mhux dikjarati mal-Kontrollur. Ghal kull reat hemm piena u l-pieni mertu ta' din il-kawza huma permessi mil-ligi u jinghataw ta' kuljum mil-Qrati taghna. Mela allura x'qed jippretendi ezattament ir-rikorrenti b'din il-kawza ? Li jigi ippremjat ghax kiser il-ligi? Ir-rikorrent missu zamm ma dak rikjest mil-ligi u cioe' iddikjara l-ammont li kien behsiebu igorr mieghu qabel ma qabad it-titjira lejn Dubai;

2. M'huwiex minnu li l-ammont li jeccedi l-10,000 euro mhux dikjarati jigu "konfiskati" mill-Kontrollur izda "jinqabdu". Dan gej mid-dicitura tal-artikolu stess. Il-konfiska tigi imposta mill-Qorti u mhux mill-Kontrollur. Ghalhekk huwa evidenti li r-rikorrenti qed ihawwad is-setgha tal-Kontrollur li "jaqbad" l-ammont mhux dikjarat mas-seghtha li ghandha l-Qorti, f'kaz ta' sejbien ta htija, li tordna li l-ammont jigi konfiskat. Li wiehed jaqbad u li wiehed jikkonfiska huma zewg sitwazzjonijiet legali kompletament differenti minn xulxin;

3. L-esponent jishaqq li ma hemm xejn irragjonevoli jew sproporzjonat fl-imposizzjoni ta' tali pieni ghal dan ir-reat kriminali. Anzi ta' min wiehed jirrimarka li l-ligi lanqas tikkontempla l-possibilita' ta' piena karcerarja, li certament hija forma ta' piena iktar severa peress li tolqot direttament l-liberta' tal-individwu. Rigward il-konfiska, il-legislatur iddecieda li jimponi *threshold* ta' 10,000 euro li tkompli tikkonferma kemm wiehed qed jipprova izomm bilanc bejn

l-interessi tal-Istat u dak tal-individwu fejn tidhol ragjonevolezza ta' piena li tista tigi imposta minn Qorti;

4. Illi fil-kamp penali ir-regola generali hija li ssir l-konfiska tal-istrumenti li servew jew li kien mahsub li jservu sabiex sar ir-reat u hija konsegwenza tal-piena stabbilita mill-ligi ghal dak ir-reat, ukoll jekk il-konfiska ma tkunx espressament imsemmija fil-ligi. Issa fil-kaz odjern sahansitra l-ligi qieghdha espressament tghid li ghandu jkun hemm il-konfiska tas-somma li teccedi l-10,000 euro u ghalhekk zgur li ma hemm xejn irragjonevoli f'dan kollu;

5. Illi in kwantu ghal dak li jirrigwarda l-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, l-esponenti jibda biex jissottometti illi l-Artikolu 39 (1) u (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi illi sabiex jigi garantit id-dritt ghal smiegh xieraq, is-smiegh ghandu jsir fi zmien ragonevoli, u jinstema' minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa bil-ligi. L-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni jmur oltre' meta jipprovdi li s-smiegh ghandu jkun pubbliku u ghandu jkun quddiem tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf bil-ligi;

Illi sabiex jigi determinat jekk ir-rikorrenti soffriex ksur tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq, irid jigi ezaminat il-process kollu fit-totalita' tieghu;

Illi l-jedd ta' smigh xieraq invokat mir-rikorrenti, fil-generalita tal-kazijiet, jidhol biss fi kwistjonijiet dwar (i) meta ma jkunx hemm tribunal indipendenti u imparzjali, (ii) meta jkun hemm dewmien ingustifikat waqt is-smigh tal-

kawza, (iii) meta jkun hemm nuqqas ta' access lill-qrati, (iv) meta s-smigh jissokta fl-assenza tal-parti fil-kawza, (v) meta ma jkunx hemm equality of arms bejn il-partijiet kontendenti fil-kawza, (vi) meta parti ma tinghatax id-dritt li tinstema' (audi alterem partem) u/jew li tressaq il-kaz taghha kif imiss u (vii) meta s-sentenza tinghata minghajr motivazzjoni;

Illi sabiex jigu applikati l-elementi tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jridu tabilfors jitqiesu l-fatturi processwali partikolari tal-kaz, b'mod illi biex wiehed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ghal smigh xieraq, wiehed irid iqis il-process kollu kemm hu, maghduda maghhom l-imgieba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mharsin mill-istess qorti (ara *Fenech vs Avukat Generali* deciza fl-4 ta' Awwissu 1999 – Vol. LXXXIII.i.213). Wiehed ma jistax u m'ghandux jiffoka fuq bicca biss mill-process shih gudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew ghelt, jasal ghall-konkulzjoni li tabilfors sehh ksur tal-jedd tas-smigh xieraq (*Pullicino vs. Onor. Prim Ministru et* deciza fit-18 ta' Awwissu 1998 – Vol. LXXXII.i.158);

Dan attiz, ghandu jirrizulta bl-aktar mod kategoriku u manifest li l-ilment imressaq mir-rikorrent f'din il-kawza ma jaqa' taht l-ebda wahda mic-cirkostanzi msemmija hawn fuq;

Ghaldaqstant m'hemm l-ebda lezjoni ta' dawn l-artikoli;

6. Ir-rikorrent qed jinvoka ukoll ksur tal-jedd ghat-tgawdija pacifika ta' possedimenti ai termini tal-artikoli 37 tal-

Kostituzzjoni u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;

Dwar dan jinghad minnufih li l-kaz odjern zgur li ma jinkwadrax ruhu fi vjolazzjoni ta' dan il-jedd. La l-artikolu konvenzjonali u lanqas dak kostituzzjonali ma jipprotegu d-dritt tal-godimenti pacifiku tal-possedimenti jew proprjeta' minghajr restrizzjoni ta' xejn. Fil-fatt kemm l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jelenkaw r-restrizzjonijiet ghal dan id-dritt. Safejn qed tigi allegata vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja, l-esponenti jissottometti li dan l-artikolu jipprovdi li jista' jkun hemm privazzjoni jew kontroll ta' uzu tad-dritt ghat-tgawdija tal-possediment meta dan ikun skond il-ligi u fl-interess pubbliku. Wkoll, dan il-jedd l-ebda mod ma jnaqqas d-dritt tal-Istat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhirlu xierqa biex jizgura fost affarijiet ohra l-hlas ta' pieni. Ghal dak li jirrigwarda l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni wiehed ma jistghax jinsa dak li jistabilixxi is-sub-artikolu (2)(b) tal-istess artikolu li jghid li *ebda haga f'dan l-artikolu ma ghandha tinftiehem li tolqot l-eghmil jew hdim ta' xi ligi safejn tipprovdi ghat-tehid ta' pussess jew akkwist ta' proprjeta' (b) bhala penali ghal, jew bhala konsegwenza ta', ksur tal-ligi, sew jekk bi proceduri civili jew wara dikjarazzjoni ta' htija ta' reat kriminali;*

Illi kif diga inghad qabel, l-piena stabbilita mill-artikolu 3 hija wahda li taqa' perfettament fil-jedd tal-Istat li jimponi pieni ghal ksur tal-ligi;

7. Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost ma hemm l-ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha bhala infondati fil-fatt u fid-dritt;

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

9. Bl-ispejjez.

Rat ix-xhieda, dokumenti u provi kollha esebiti fl-atti.

Rat illi fil-verbal tal-14 ta' Marzu, 2019 il-partijiet inghataw il-fakulta' li jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub f'termini mposti fuqhom.

Rat illi fil-verbal tat-3 ta' Ottubru, 2019 ir-rikorrenti nghata terminu ta' xahar ghall-prezentata ta' replika ghan-nota risponsiva tal-Avukat Generali u l-kawza thalliet ghad-decizjoni ghal-lum.

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

Illi r-rikors odjern isegwi kawza istitwita mill-Pulizija Ezekuttiva quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kontra r-rikorrenti Jason James Agius liema kawza giet differita pendenti l-ezitu ta' dawn il-proceduri.

Il-fatti kif jirrizultaw mill-atti huma illi nhar is-7 ta' Settembru, 2017 ir-rikorrenti Jason James Agius waqt li kien gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta sabiex jaqbad it-titjira EK110 lejn Dubai fi transit ghat-Tajlandja gie mwaqqaf mill-awtoritajiet kompetenti fejn saret tfitxija fuqu. Mit-tfittxija rrizulta li kien qieghed igorr mieghu l-ammont kontanti ta' sitta u tletin elf tlett mija hamsa u hamsin ewro (€36,355) liema flus kontanti huwa naqas li jiddikjara mal-Kummissarju tat-Taxxi. Jirrizulta illi l-ammont il' fuq minn ghaxart elef ewro (€10,000) u cioe' sitta u ghoxrin elf tlett mija hamsa u hamsin ewro (€26,355) gew mizmuma mill-Kummissarju tat-Taxxi filwaqt li l-ammont ta' ghaxart elef ewro (€10,000) gew moghtija lura lir-rikorrenti Jason James Agius u dan skont id-dettami tal-ligi partikolarment il-Legislazzjoni Sussidjarja 233.07 Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Flus.

Madwar tmien xhur wara, fil-31 ta' Mejju, 2018 l-Ispettur Doriette Cuschieri (xhieda fol. 23) fil-prezenza ta' l-Ispettur Brian Camilleri mit-Taqsima ta' Kontra r-Reati Ekonomici baghtet ghar-rikorrent Jason James Agius fejn ittehditlu stqarrija f'liema stqarrija izda r-rikorrent ghazel li ma jwiegeb ghall-ebda domanda (ara stqarrija a fol. 19 sa fol. 21 tal-process). Konsegwentement inharget l-akkuza fil-konfront tar-rikorrent quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) a bazi tal-Artikolu 3 tal-Avviz Legali 149 tal-2007 Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Flus formanti parti mill-Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni (Kapitolu 233 tal-Ligijiet ta' Malta) (ara akkuza a fol. 22 tal-process). Jirrizulta li l-ewwel seduta kienet skedata ghal 5 ta' Lulju, 2018 liema seduta giet differita stante li r-rikorrent kien ser ikun imsiefer. Fit-tieni seduta li kienet skedata ghal Ottubru 2018 tqajjem il-punt li qed jigi trattat fil-kawza odjerna u kien ghalhekk

li l-kawza kriminali giet differita pendenti l-ezitu tal-proceduri odjerni.

Illi r-rikorrenti permezz tal-kawza odjerna qieghed jilmenta illi:

(i) il-ligi ta' Malta partikolarment il-Legislazzjoni Sussidjarja 233.07 Regolamenti dwar il-Kontrol ta' Flus ma tipprovdix mekkanizmu jew procedura fejn ir-rikorrenti jista' jikkontesta l-konfiska tal-flus li jkunu ser jinqabdu minn Malta in eccess ta' ghaxart elef ewro (€10,000) u dan bi ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-korrispettiv tieghu l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem; u

(ii) il-ligi ta' Malta partikolarment il-Legislazzjoni Sussidjarja 233.07 Regolamenti dwar il-Kontrol ta' Flus jistabbilixxi piena tassattiva ta' 25% tal-ammont kollu li jkun sejjer jinhareg minn Malta flimkien ma' konfiska ta' l-ammont li jmur in eccess ta' ghaxart elef ewro (€10,000) bi ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Skont ir-rikorrent dan ma jharisx il-principju tal-proporzjonalita' tal-piena.

Huwa in vista' ta' dan li r-rikorrenti qieghed jitlob lil din il-Qorti taghti r-rimedji ghat-twettiq ta' dawn id-drittijiet fundamentali, fosthom billi jew tiddikjara li m'ghandiex tapplika l-konfiska kontemplata fl-Artikolu 3 (5) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 233.07 jew tiddikjara x'ghandha tkun s-sanzjoni tal-Ligi f'dan il-kaz, fid-dawl tas-sentenzi moghtija mill-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

Da parti tieghu l-intimat Avukat Generali wiegeb li l-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet huma nfondati kemm fil-fatt kif

ukoll fid-dritt. L-intimat jirrimarka li m'huwiex minnu li l-eccess ta' il' fuq minn ghaxart elef ewro (€10,000) jigu kkonfiskati mill-Kontrollur pero' jinqabdu. Jsostni wkoll li hija l-Qorti u mhux il-Kontrollur li tikkonfiska l-ammont in eccess ta' ghaxart elef ewro (€10,000). Jinsisti li l-ligijiet in kwistjoni huma gustifikati fl-interess pubbliku u stante li huwa mizuri mehuda konsegwenza ta' reat kriminali.

**Ikkunsidrat;**

**L-ewwel talba:**

**Ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja**

Ghall-iskop tal-kaz tar-rikorrenti, l-parti l-aktar rilevanti tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta huma s-subartikoli (1) u (2) illi jipprovdu s-segwenti:

> '(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.
>
> (2) Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli.'

Mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem l-aktar ta' rilevanza ghall-kaz tar-rikorrenti huwa s-segwenti:

> '1. Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta' l-obbligi tieghu jew ta` xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta` nazzjonali f'socjeta` demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita` tista' tippregudika l-interessi tal-ġustizzja.'

Il-Ligi Sussidjarja 233.07 titratta Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Flus u hija intiza biex jigi evitat il-hasil ta' flus u ghall-glieda kontra l-iffinanzjar tat-terrorizmu. Jigi pprecizat li din il-Qorti mhijiex ser tidhol fil-kwistjoni ta' htija o meno tar-rikorrenti fil-kamp kriminali, haga li taqa' fil-mansjoni ta' Qorti diversa minn dik odjerna. Ir-rikorrenti Jason James Agius jilmenta li l-Artikolu 3 tal-Ligi Sussidjarja 233.07 ma tipprovdix mekkanizmu ta' kontestazzjoni ghas-somma konfiskata mill-Kummissarju tat-Taxxi in eccess ta' ghaxar telef ewro (€10,000), bil-konsegwenza li dan l-agir jammonta ghal nuqqas ta' smigh xieraq. Ghandu jigi nota li l-Artikolu 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 233.07 gie emendat ricentament permezz tal-Avviz Legali 85 tas-sena 2019 fejn illum il-gurnata l-ligi tippermetti limitatament f'xi kazijiet, li jsir ftehim

bejn il-Kummissarju tat-Taxxi u l-individwu mhux konformi mal-ligi, b'tali mod li l-individwu jigi moghti penali u eventwalment jevita proceduri kriminali. Madanakollu il-kaz tar-rikorrenti ma jaqax taht wiehed minn dawn il-kazijiet. L-Artikolu 3 hekk kif emendat jipprovdi testwalment dan:

> '3. (1) Kull persuna dieħla jew ħierġa minn Malta, jew li tkun għaddejja fi transitu minn Malta u li tkun qegħda ġġorr somma ta' valur ta' għaxart elef euro (€10,000) jew iżjed fi flus għandha l-obbligu li tiddikjara dik is-somma lill-Kummissarju.
>
> (2) L-obbligu li tiġi dikjarata kull somma bħal dik imsemmija fis-subregolament (1) ma jseħħx kemm-il darba dik il-persuna ma timliex il-formola li tapplika għal dan il-każ li tidher fl-Iskeda, u tippreżenta dik il-formola lill-Kummissarju meta tkun dieħla jew ħierġa minn Malta, jew għaddejja fi transitu minn Malta.
>
> (3) Persuna li tagħmel dikjarazzjoni falza għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti jew li ma twettaqx l-obbligu li tiddikjara somma bħal dik skont is-subregolament (2), tkun ħatja ta' reat.
>
> (4) (a) Salv dak li jingħad fis-subregolament (6), jekk is-somma msemmija fis-subregolament (1) li tkun dikjarata falz jew li ma tkunx dikjarata tkun ta' valur ta' bejn għaxart elef euro (€10,000) preċiżi u għaxart elef u mitejn euro (€10,200), il-Kummissarju jista', bi ftehim mal-persuna hemm imsemmija, jimponi penali ta' mitejn euro (€200) jew ekwivalenti minflok proċeduri l-qorti, b'dan illi ma ssir l-

ebda konfiska ta' flus. L-iffirmar ta' dan il-ftehim, li jista' jseħħ sa ma tkun ingħatat sentenza finali mill-qorti, għandu jfisser ukoll li l-persuna tkun qed tirrinunzja għal kwalunkwe talba li jista' jkollu fil-konfront tal-Kummissarju jew l-Avukat Ġenerali riżultanti mill-każ. Fin-nuqqas ta' tali ftehim, il-Kummissarju għandu jaqbad is-somma li teċċedi għaxart elef euro (€10,000) jew tal-ammont sħiħ meta l-flus ikunu indiviżibbli, u l-persuna teħel, meta tinstab ħatja, multa ekwivalenti għal ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) tal-valur tal-flus kollha li jkunu qegħdin jinġarru, inkluż fuq is-somma ta' għaxart elef euro (€10,000), f'valuta lokali fid-data meta l-persuna tkun dieħla jew ħierġa minn Malta jew meta tkun għaddejja fi transitu minn Malta, kif ukoll il-qorti għandha tordna l-konfiska favur il-Kummissarju tal-flus mhux dikjarati li jkunu jeċċedu għaxart elef euro (€10,000) jew tal-ammont sħiħ meta l-flus ikunu indiviżibbli.

(b) Salv dak li jingħad fis-subregolament (6), jekk is-somma msemmija fis-subregolament (1) li tkun dikjarata falz jew li ma tkunx dikjarata tkun ta' valur ta' bejn għaxart elef, mitejn u wieħed euro (€10,201) u għoxrin elf euro (€20,000), il-Kummissarju jista' bi ftehim mal-persuna hemm imsemmija, jikkonfiska l-ammont ta' flus li jeċċedi għaxart elef euro (€10,000) jew tal-ammont sħiħ meta l-flus ikunu indiviżibbli minflok jittieħdu proċeduri l-qorti. L-iffirmar ta' dan il-ftehim, li jista' jseħħ sa ma tkun ingħatat sentenza finali mill-qorti, għandu jfisser ukoll li l-persuna tkun qed tirrinunzja għal kwalunkwe talba fil-konfront tal-Kummissarju jew l-Avukat Ġenerali riżultanti mill-każ. Fin-nuqqas ta' tali ftehim, il-Kummissarju għandu jaqbad is-

somma li teċċedi għaxart elef euro (€10,000) jew tal-ammont sħiħ meta l-flus ikunu indiviżibbli, u l-persuna teħel, meta tinstab ħatja, multa ekwivalenti għal ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) tal-valur tal-flus kollha li jkunu qegħdin jinġarru, inkluż fuq is-somma ta' għaxart elef euro (€10,000), f'valuta lokali fid-data meta l-persuna tkun dieħla jew ħierġa minn Malta jew meta tkun għaddejja fi transitu minn Malta, kif ukoll il-qorti għandha tordna l-konfiska favur il-Kummissarju l-ammont tal-flus mhux dikjarati li jkunu jeċċedu għaxart elef euro (€10,000) jew tal-ammont sħiħ meta l-flus ikunu indiviżibbli.

(ċ) Jekk is-somma msemmija fis-subregolament (1) li tkun dikjarata falz jew li ma tkunx dikjarata tkun ta' valur ta' għoxrin elf u wieħed euro (€20,001) jew iktar, il-Kummissarju għandu jaqbad is-somma li teċċedi għaxart elef euro (€10,000) jew l-ammont sħiħ meta l-flus ikunu indiviżibbli u l-persuna teħel, meta tinstab ħatja, multa ekwivalenti għal ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) tal-valur tal-flus kollha li jkunu qegħdin jinġarru, inkluż fuq is-somma ta' għaxart elef euro (€10,000), f'valuta lokali fid-data meta l-persuna tkun dieħla jew ħierġa minn Malta jew meta tkun għaddejja fi transitu minn Malta, iżda f'kull każ dik il-multa m'għandhiex tkun teċċedi ħamsin elf euro (€50,000), u kif ukoll il-qorti għandha tordna l-konfiska favur il-Kummissarju l-ammont tal-flus mhux dikjarati li jkunu jeċċedu għaxart elef euro (€10,000) jew tal-ammont sħiħ meta l-flus ikunu indiviżibbli.

(d) L-ammonti tal-flus kollha miġbura bħala riżultat ta' ftehim mal-persuna skont kif jipprovdu l-paragrafi (a) u (b) għandhom ikunu addebitati favur il-Kummissarju.

(e) L-ammonti tal-flus kollha konfiskati b'ordni tal-qorti bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti għandhom isiru l-proprjetà tal-Gvern u għandhom ikunu rilaxxati favur il-Kummissarju u m'għandux ikun meħtieġ li jsir rikors mill-Kummissarju lill-qorti kompetenti biex hu jieħu pussess tagħhom.

(5) Ma jistgħu jinbdew l-ebda proċeduri kriminali għal xi reat taħt dawn ir-regolamenti mingħajr il-kunsens tal-Avukat Ġenerali.

(6) Minkejja dak li jipprovdu l-paragrafi (a) u (b) tas-subregolament (4) u fir-rigward biss taċ-ċirkostanzi msemmija f'dawn iż-żewġ paragrafi, f'każ li jseħħ reat bi ksur ta' dawn ir-regolamenti, persuna għandha tingħata l-opportunita' ta' darba biss li tidħol fi ftehim. Jekk iseħħ reat bi ksur ta' dawn ir-regolamenti mill-istess persuna għat-tieni darba jew sussegwenti, il-Kummissarju għandu jaqbad is-somma li teċċedi għaxart elef euro (€10,000) jew l-ammont sħiħ jekk il-flus ikunu indiviżibbli u l-persuna teħel, meta tinstab ħatja, multa ekwivalenti għal ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) tal-valur tal-flus kollha li jkunu qegħdin jinġarru, inkluż fuq is-somma ta' għaxart elef euro (€10,000), f'valuta lokali fid-data meta l-persuna tkun dieħla jew ħierġa minn Malta jew meta tkun għaddejja fi transitu minn Malta, u kif ukoll il-qorti għandha tordna l-konfiska favur il-Kummissarju l-ammont tal-flus mhux dikjarati li jkunu

jeċċedu għaxart elef euro (€10,000) jew tal-ammont sħiħ meta l-flus ikunu indiviżibbli.'

Il-Qorti ghalhekk tirrileva li l-ligi li tipprovdi ghal differenza fil-piena (bil-possibilita' ta' ftehim) skont l-ammont nvolut dahlet fis-sehh wara l-kaz odjern u dan hemm qbil dwaru bejn il-partijiet. Hemm qbil ukoll bejn il-partijiet li nonostante l-emendi, dawn effettivament ma jaghmlu ebda differenza ghall-kaz odjern stante li l-ammont in kwistjoni jeccedi ferm is-somma ta' €20,001 b'dana li l-pieni mposti f'dan il-kaz baqghu invarjati. Dwar dan il-punt izda r-rikorrenti fir-replika tieghu jsostni li probabilita' hi li l-bidla li l-ligi dahlet fis-sehh appuntu habba l-pendenza tal-kawza odjerna u skont ir-rikorrent tali emendi jevidenzjaw aktar l-allegat ksur tad-drittijiet tieghu kif sostnuti fir-rikors odjern.

Illi l-Artikolu 39 (1) u (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jikkontemplaw li sabiex ikun hemm smigh xieraq, is-smigh ghandu jsir fi zmien ragonevoli u jinstema minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa bil-ligi. L-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja jmur oltre u jsostni li s-smiegh ghandu jkun wiehed pubbliku u quddiem tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf bil-ligi. Jaqra wkoll li l-jedd ta' smigh xieraq fil-generalita' tal-kazijiet jidhol biss fi kwistjonijiet:

(i) meta ma jkunx hemm tribunal indipendenti u mparzjali,
(ii) meta jkun hemm dewmien ingustifikat waqt is-smigh tal-kawza,
(iii) meta jkun hemm nuqqas ta' access lill-qrati,
(iv) meta s-smigh jissokta fl-assenza tal-parti fil-kawza,
(v) meta ma jkunx hemm equality of arms bejn il-partijiet kontendenti fil-kawza,

(vi) meta parti ma tinghatax id-dritt li tinstema' (audi alteram partem) u/jew li tressaq il-kaz taghha kif imiss, u
(vii) meta sentenza tinghata minghajr motivazzjoni.

Minn qari tar-rikors kostituzzjonali u l-kontenut fl-atti l-Qorti tifhem li f'dan l-ambitu l-ilment tar-rikorrenti hu li huwa ma ghandu l-ebda mezz fil-ligi sabiex b'xi mod ikun jista' jikkontesta l-konfiska tal-flus fic-cirkostanzi li gew maqbuda fil-kaz odjerna. Fil-fatt jirrizulta li fl-ambitu legali prezenti la darba l-flus jigu maqbuda mill-Awtoritajiet, dawn jinzammu minnhom sakemm il-Qorti, la darba ssib il-htija tar-rikorrent ai termini tal-artikolu 3 tal-Avviz Legali 149 tal-2007 (Regolamenti dwar il-kontroll ta' Flus) formanti parti mill-Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni (Kapitolu 233 tal-Ligijiet ta' Malta), ma jkollha ebda diskrezzjoni ghajr li tordna l-konfiska tal-flus mizmuma minghajr ebda possibilita' lir-rikorrenti (imputat) li jiggustifika b'xi mod il-legalita' tal-fondi.

Il-konfiska tal-flus li jeccedu s-somma ta' ghaxart elef euro (€10,000) hija deskritta bhala gustifikata da parti tal-Avukat Generali intimat stante li f'kull kaz ta' ksur tal-ligi kriminali l-ligi tipprovdi ghall-konfiska tal-korp tar-reat f'dan il-kaz il-flus stess.

Illi mill-atti u minn qari tal-ligi applikabbli din il-Qorti vverifikat illi dak li jwassal l-ewwel ghall-qbid tal-flus u konsegwentement ghall-ordni tal-konfiska taghhom huwa l-allegat agir tal-istess rikorrent kif isegwi:

1. Illi r-rikorrent allegatament jonqos milli jimla l-formola appozita imsejjha 'Cash Declaration Form' anness mal-iskeda tal-LS 233.07. F'din il-formola tintalab diversa informazzjoni dwar il-flus intizi li jigu trasportati fosthom il-proprjeta' tal-istess, l-origini tal-istess u

l-uzu mahsub ghall-istess flus kontanti jew strumenti monetarji. Bazikament minn din il-formola tirrizulta l-legalita' u l-genwinita' o meno tal-flus intizi li jigu trasportati. F'dan l-istadju l-Qorti ghalhekk tifhem li r-rikorrent f'kaz ta' trasport legali u genwin ta' flus kontanti (u minghajr pregudizzju ghall-proceduri kriminali pendenti) kellu kull opportunita' li jaghmel dan minghajr ebda sanzjoni legali kontra tieghu.

2. Illi r-rikorrenti allegatament prova jhalli l-pajjiz b'ammont ta' flus kontanti mhux permissibbli skont il-ligi u nqabad fl-att li jaghmel dan. Huwa f'dan il-mument li l-ammont in eccess ghas-somma ta' ghaxart elef Euro (€10,000) jigi maqbud mill-Awtoritajiet pendenti l-konfiska mill-Qorti wara dikjarazzjoni ta' htija.

Ir-rikorrent odjern fl-ewwel talba tieghu isostni li l-jeddijiet tieghu ai termini tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem qed jigu lezi stante li skont ir-rikorrent la darba l-flus jigu maqbuda huwa ma ghandu l-ebda mezz fil-ligi sabiex jikkontesta l-istess konfiska. Minn naha tieghu l-Avukat Generali intimat isostni li tant ir-rikorrent ghandu l-mezz legali li jikkontesta li appuntu ntavola l-proceduri kostituzzjonali odjerni filwaqt li l-proceduri kriminali gew sospizi pendenti l-ezitu ta' dan ir-rikors.

Illi din il-Qorti mhux neccessarjament taqbel mas-sottomissjoni tal-Avukat Generali li r-rimedju kostituzzjonali jipprovdi fora effettiv lir-rikorrent stante li r-rimedju li jrid ir-rikorrenti huwa li huwa jkollu mezz ta' azzjoni sabiex jikkontesta l-konfiska u finalment il-flus jigu ritornati lura, haga li din il-Qorti ma tistax legalment tordna. Pero' din il-Qorti lanqas tista' tqis li l-ilment

tar-rikorrent huwa gustifikat stante li jirrizulta li l-ligi tipprovdi mezz lir-rikorrent 'ab inizio' sabiex jevidenzja l-legalita' u l-genwinita' tal-fondi billi semplicement jimla l-iskeda taht ir-Regolament 3 u b'hekk kien jevita dak kollu li sehh konsegwentement ghall-allegat nuqqas tieghu. Dak li qed jitlob ir-rikorrent permezz tal-ewwel talba tieghu huwa li jinghata t-tieni opportunita', wara li hu stess allegatament naqas legalment milli jimxi mad-dettami tal-ligi. Il-Qorti tqis li n-nuqqas ta' dan l-hekk imsejjah tieni rimedju ma jmurx kontra l-ebda provvediment tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u ghaldaqstant ser tghaddi sabiex tichad l-ewwel talba tar-rikorrent.

It-tieni talba:

Illi dwar l-allegata lezjoni tal-jedd ta' tgawdija pacifika tal-possedimenti bi ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja t-talba tar-rikorrent hija fis-sens li s-sanzjonijiet provduti fil-ligi u cioe' multa' ta' 25% fuq is-somma kollha flimkien mal-konfiska tal-ammont kollu li jeccedi s-somma ta' ghaxart elef Euro (€10,000) hija wahda sproporzjonata meta wiehed jikkunsidra li l-att li bih ir-rikorrent huwa akkuzat bih huwa biss dak ta' nuqqas ta' dikjarazzjoni tal-flus kontanti li kienu qed jigu trasportati barra mill-pajjiz (Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni – Kap 233) u ebda att kriminali iehor. Fil-kaz odjern tali sanzjonijiet kif esposti mir-rikorrent finalment jirrisolvu ruhhom fis-somma ta' €35,443.75 filwaqt li l-ammont kontanti li kellu fuqu r-rikorrent u fuqu huwa akkuzat kienet dik ta' €36,355. Ma hemmx dubju li d-differenza bejn iz-zewg ammonti hija wahda minima hafna b'dana li finalment ir-rikorrent f'kaz ta' htija tista' tghid li ser jitlef ukoll is-

somma ta' €10,000 li originarjament gew ritornati lura lilu stante li l-ligi tippermetti t-trasferiment ta' tali somma f'kontanti. Dan stante l-applikazzjoni ta' 25% multa fuq is-somma kollha misjuba u mhux biss dik in eccess ta' €10,000.

Da parti tieghu l-intimat Avukat Generali jsostni li dan il-kaz ma jinkwadrax ruhu fi vjolazzjoni ta' dan il-jedd stante li dan il-jedd ma jipprotegix d-dritt tal-godiment pacifiku minghajr restrizzjonijiet ta' xejn. L-intimat jissottometti li Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja jipprovdi li jista' jkun hemm privazzjoni jew kontroll ta' uzu tad-dritt ta' tgawdija tal-possediment meta dan ikun skond il-ligi u fl-interess pubbliku. Jinsisti li l-Artikolu 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 233.07 jaqa perfettament fil-jedd tal-Istat li jimponi pieni ghal ksur tal-ligi.

Illi l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta fil-partijiet rilevanti ghall-kaz odjern jaqra kif isegwi:

'(1) Ebda proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b'mod obbligatorju, ħlief meta hemm disposizzjoni ta' liġi applikabbli għal dak it-teħid ta' pussess jew akkwist –

(a) għall-ħlas ta' kumpens xieraq;

(b) li tiżgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta' aċċess lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi sabiex jiġi deċiż l-interess tagħha fi jew dritt fuq il-proprjetà u l-ammont ta' kull kumpens li għalih tista' tkun intitolata, u sabiex tikseb ħlas ta' dak il-kumpens; u

(ċ) li tiżgura lil kull parti fi proċeduri f'dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bħal dik dritt ta' appell mid-deċiżjoni tagħha lill-Qorti tal-Appell f'Malta:

Iżda f'każijiet speċjali l-Parlament jista', jekk hekk jidhirlu xieraq li jagħmel fl-interess nazzjonali, b'liġi jistabbilixxi l-kriterji li għandhom jitħarsu, magħduda l-fatturi u ċ-ċirkostanzi l-oħra ligħandhom jitqiesu, biex jiġi stabbilit il-kumpens li għandu jitħallas dwar proprjetà li jittieħed pussess tagħha jew li tiġi akkwistata b'mod obbligatorju; u f'kull każ bħal dak il-kumpens għandu jiġi iffissat u għandu jitħallas skont hekk.

(2) Ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma għandha tinftiehem li tolqot l-egħmil jew ħdim ta' xi liġi safejn tipprovdi għat-teħid ta' pussess jew akkwist ta' proprjetà –

(a) bi ħlas ta' xi taxxa, rata jew drittijiet;
(b) bħala penali għal, jew bħala konsegwenza ta', ksur tal-liġi, sew jekk bi proċeduri ċivili jew wara dikjarazzjoni ta' ħtija ta' reat kriminali;
(ċ) wara l-attentat ta' tneħħija tal-proprjetà barra minnjew ġewwa Malta bi ksur ta' xi liġi;
(d) bħala teħid ta' kampjun għall-finijiet ta' xi liġi;
(e) meta l-proprjetà tikkonsisti f'annimal meta jiġi misjubf'art ħaddieħor jew mitluf;
(f) bħala inċidentali għal kirja, liċenza, privileġġ jewipoteka, mortgage,dritt, bill of sale, pleġġ jew kuntrattieħor;
(g) bħala l-għoti jew l-amministrazzjoni ta' proprjetà għan-nom u għab-benefiċċju tal-persuna ntitolata għall-interess benefiċjarju fiha, proprjetà fi trust, proprjetà tal-għadu jew il-proprjetà ta' persuni dikjarati falluti b'sentenza jew xort'oħra dikjaratifalluti jew insolventi, persuni ta' moħħ marid, persuni mejta, jew għaqdiet korporati jew mhux korporati fil-kors ta' stralċ jew likwidazzjoni;

(h) fl-esekuzzjoni ta′ sentenzi jew ordnijiet ta′ qrati;
(i) minħabba li tkun fi stat perikoluż jew ta′ ħsara għas-saħħa tan-nies, annimali jew pjanti;
(j) bħala konsegwenza ta′ xi liġi dwar il-preskrizzjoni ta′azzjonijiet, preskrizzjoni akkwiżittiva, artabbandunata, teżor misjub, manumorta jew id-drittijietta′ suċċessjoni kompetenti lill-Gvern ta′ Malta; jew
(k) għal dak iż-żmien biss sakemm ikun meħtieġ għall-finijiet ta′ xi eżami, investigazzjoni, kawża jew inkjesta jew, fil-każ ta′ art, l-egħmil fuqha –
(i) ta′ xogħol ta′ konservazzjoni ta′ ħamrija jew il-konservazzjoni ta′ risorsi naturali oħra ta′ kullxorta jew ta′ rikostruzzjoni ta′ ħsara tal-gwerra;jew
(ii) ta′ żvilupp jew titjib agrikolu li s-sid jewokkupant tal-art ikun ġie mitlub, u jkun mingħajr skuża raġonevoli u legali rrofta jew naqas li jagħmel. . .′

Illi l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja jipprovdi illi:

‘Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.

Iżda d-dispożizzjonijiet ta′ qabel ma għandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta′ Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta′ proprjeta′ skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta′ taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni.′

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Brian Psaila -vs- L-Avukat Generali et** deciza nhar id-29 ta′ Novembru, 2018 deciza mill-Qorti Civili,

Prim Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) kif diversament presjeduta dik il-Qortio ghamlet referenza ghall-interpretazzjoni moghtija ta' l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja b'mod kostanti mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fejn inghad illi:

> 'Article 1 of Protocol No. 1 comprises three distinct rules: the first rule, set out in the first sentence of the first paragraph, is of a general nature and enunciates the principle of the peaceful enjoyment of property; the second rule, contained in the second sentence of the first paragraph, covers deprivation of possessions and subjects it to certain conditions; the third rule, stated in the second paragraph, recognises that the Contracting States are entitled, inter alia, to control the use of property in accordance with the general interest. The three rules are not, however, distinct, in the sense of being unconnected. The second and third rules are concerned with particular instances of interference with the right to peaceful enjoyment of property and should therefore be construed in the light of the general principle enunciated in the first rule (see, among others, **James and Others vs The United Kingdom**, 21 February 1986, §37, Series A no. 98, which reiterates in part the principles laid down by the Court in **Sporrong and Lönnroth vs Sweden**, 23 September 1982, §61, Series A no. 52; see also **Broniowski vs Poland** (GC), n0. 31443/96, §134, ECHR 2004-V). **Hutten-Czapska v. Poland**.)'

Fl-istess decizjoni l-Qorti kompliet tghid illi huma tlieta r-rekwiziti li ghandhom jigu sodisfatti sabiex interferenza mill-istat titqies bhala permissibbli, billi jigi analizzat is-segwenti:

i. jekk il-mizura adottata mill-Istat tkunx saret fil-kuntest ta' qafas legali;

ii. jekk l-iskop tal-mizura jilhaqx ghan legittimu; u

iii. jekk il-mizura li tkun ittiehdet zammitx bilanc proporzjonat bejn l-għan socjali u l-htiega li jigu rispettati d-drittijiet fundamentali tas-sidien.

Fil-kaz odjern ir-rikorrent qed jilmenta minn piena sproporzjonata stante li l-Legislazzjoni Sussidjarja 233.07 timponi penali ta' 25% fuq l-ammont shih u mhux iddikjarat li jkun sejjer jinhareg jew jiddahhal f'Malta flimkien ma' konfiska tal-ammont li jkun in eccess ta' ghaxart elef ewro (€10,000).

Fil-ktieb taghhom **Theory & Practice of the European Convention on Human Rights** (4$^{th}$ Edit, 2006), P. Van Dijk u G.J.H van Hoof[1] f'kollaborazzjoni ma' ohrajn, dwar il-proporzjonalita' tal-piena jsostnu s-segwenti:

> '…as this provision is to be construed in the light of the general principle enunciated in the first sentence of the first paragraph, there must exist a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised. In striking the fair balance thereby required between the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights, the authorities enjoy a wide margin of appreciation. ... Generally speaking, the fair balance will be lacking where the applicant has to bear an individual and

[1] Pagna 888 sa pagna 890 flimkien ma' pagna 892 u pagna 893.

> excessive burden. ... As concerns the 'general interest' aim of the interference, the Court, accepting a wide margin of appreciation, has stated that 'it will respect the legislature's judgement as to what is in the general interest unless that judgement be manifestly without reasonable foundation'. Thus, a wide variety of aims have been considered to be in the public interest ... Various factors may play a role in the proportionality test. The Court has, for example, on occasion referred to the fact that avenues of judicial review of the contested measures had been available to the applicant.
>
> …
>
> enforcement measures such as forfeiture, or even preventive measures such as seizure, have been examined for their compatibility with the second paragraph of Article 1.'

Fuq il-proporzjonalita' tal-piena l-Qorti ta' Strasburgu fis-sentenza fl-ismijiet **Ismayilov -vs- Russja** (Applikazzjoni numru: 30352/03) stqarret is-segwenti:

> 'In order to be considered proportionate, the interference should correspond to the gravity of the infringement, namely the failure to comply with the declaration requirement, rather than to the gravity of any presumed infringement which had not however been actually established, such as an offence of money laundering or tax evasion. The amount confiscated was undoubtedly substantial for the applicant, for it represented the entirety of the proceeds from the sale of his late mother's home in Baku. On the other hand, the harm that the applicant might have caused to the authorities was minor: he had not avoided

customs duties or any other levies or caused any other pecuniary damage to the State.'

Fil-kaz *de quo* ir-rikorrenti kien hiereg minn Malta b'ammont ta' sitta u tletin elf, tlett mija hamsa u hamsin ewro (€36,355) fi flus kontanti mhux iddikjarati. Fil-mument tal-qbid, il-Kummissarju tat-Taxxi precizament nhar is-7 ta' Settembru, 2017 irritorna is-somma ta' ghaxart elef ewro (€10,000) lir-rikorrent stante li l-ligi tippermetti li sal-valur ta' ghaxart elef euro (€10,000) m'hemmx bzonn li jigu ddikjarati. Mill-atti ma jidhirx li dan il-fatt huwa kontestat minn xi parti fil-kawza.

Il-ligi precizament l-Artikolu 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 233.07 jitkellem dwar penali ta' 25% fuq l-ammont shih li jkun qieghed jingarr flimkien mal-konfiska tas-somma in eccess ta' ghaxart elef euro (€10,000). Prima facie jidher li tali ligi hija gustifikata fit-termini tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta stante li kemm il-konfiska kif ukoll il-penali huma eccezzjonijiet kontemplati fl-istess. Tqum izda l-kwistjoni dwar il-proporzjonalita' tal-piena u l-konfiska fil-kaz odjern fejn jirrizulta li prattikament ir-rikorrent jekk misjub hati ser jitlef il-flus kollha li kellu fuqu waqt l-att inkluz l-ghaxart elef Euro (€10,000) li legalment setghu jingarru mir-rikorrent. Dan rizultat izda tal-applikazzjoni tal-persentagg ta' 25% fuq is-somma kollha misjuba fuq ir-rikorrent u l-unika relazzjoni li ghandu dan l-persentagg mas-somma tal-ghaxart elef Euro (10,000) ritornata hija li parti mill-penali tikkonsisti f'25% tas-somma ta' €10,000 cioe' s-somma ta' €2,500. Fil-bqija l-penali hija mahduma fuq is-somma misjuba in eccess ta' €10,000 liema somma wkoll tinsab maqbuda u suggett ghall-konfiska mad-decizjoni ta' htija.

Illi ghalhekk il-kwezit li trid tezamina din il-Qorti taht din it-tieni

talba hu jekk effettivament hux proporzjonat li r-rikorrent jigi deprivat tista' tghid mis-somma kollha misjuba fuqu konsegwenza tal-applikazzjoni tal-ligi meta maghduda l-penali u l-konfiska flimkien. Mill-gurisprudenza tal-Qrati Ewropej kif ikkwotata aktar il-fuq m' hemmx dubju li dawn itendu a favur tar-rikorrent f'kazijiet bhal dawn fejn jidher li mhux qed jitqies li tali mizuri tant estremi huma proporzjonati mal-interess pubbliku kawtelat. Fil-kaz partikolari l-ligi in kwisjtoni filwaqt li hija ntiza li trazzan il-hasil ta' flus fl-interess pubbliku minn naha l-ohra l-att proprju ta' nuqqas ta' dikjarazzjoni tat-trasferiment tal-flus kontanti (li huwa l-att li biha hu akkuzat bih ir-rikorrent odjern) ma jistax jitqies li ghandu xi effett tant drastiku fuq l-interess pubbliku li jista' jiggustifika l-pieni tant estremi imposti. Il-kwezit ghalhekk huwa jekk ghandux jitqies proporzjonat, fl-ambitu tad-dritt fundamentali ghat-tgawdija tal-proprjeta' li r-reat odjern (kif mehud wahdu) ghandu jgorr mieghu il-konfiska tal-flus kollha in eccess tas-somma ta' €10,000 flimkien ma' penali fuq l-ammont kollu nkluz dik il-parti konsidrata bhala legali?

Din il-Qorti wara li gharblet ferm id-decizjonijiet partikolarment dawk Ewropej dwar dan il-punt tqis is-segwenti:

1. Illi l-applikazzjoni ta' multa ta' 25% fuq is-somma kkunsidrata bhala legali, tant li tinghata lura lill-persuna a tempo vergine, ma tistax titqies bhala waha proporzjonata ('striking a fair balance') u certament fl-applikazzjoni taghha il-mizien ghandu jxaqleb lejn id-dritt ta' propjeta' tal-persuna kif sancit mill-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u mhux lejn l-interess pubbliku;

2. Illi din il-Qorti tqis ukoll illi n-nuqqas ta' diskrezzjoni da parti tal-Qorti Kriminali fil-kazijiet in kontestazzjoni li tevalwa hi

ghandhiex jew le tordna l-konfiska tas-somma in eccess flimkien mal-imposizzjoni tal-multa ta' 25% fuq l-ammont maqbud in eccess (oltre l-ewwel ghaxart elef li fuqha gia esprimiet ruhha din il-Qorti aktar il' fuq), u dan wara li tkun hi li semghet il-fatti u l-provi fl-atti, wkoll jikkonsisti fi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent ai termini tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Din il-Qorti tqis li almenu, sabiex il-principju tal-'striking a fair balance' u cioe` tal-proporzjonalita' jkun qed jigi rispettat, ghandu jinghata l-poter lill-istess Qorti kompetenti li tisma' l-kaz kriminali li hi stess tapplika l-principju ta' proporzjonalita skont il-kaz pendenti quddiemha. Il-fatt li fil-ligi lanqas tezisti l-possibilita' li l-Qorti tqis il-propozjonalita' tal-konfiska u l-piena (almenu ghal dik li hija konfiska) fil-kaz partikolari certament jilledi d-drittijiet tar-rikorrent kif isostni ai termini tat-tieni talba tieghu u ghalhekk din il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijet. Dan huwa aktar accenwat u gustifikat in vista tal-emendi recenti fl-istess ligi fejn ghal certu ammonti iddahhlet il-possibilita' ta' ftehim bejn l-awtorita' u l-individwu izda f'kazijiet aktar gravi l-akkuzat ma nghatax tali dritt. Il-Qorti ma tara l-ebda gustifikazzjoni minn lat ta' drittijiet fundamentali ghal tali distinzjoni bejn individwu u iehor a bazi ta' ammont.

It-tielet talba:

Illi fil-kaz in ezami jirrizulta li l-proceduri kriminali kontra r-rikorrenti ghadhom pendenti quddiem il-Qorti kompetenti u qed jistennew id-decizjoni odjerna. Jirrizulta ghalhekk li l-konfiska tal-fondi kif ukoll l-applikazzjoni tal-multa skont il-ligi ghadha ma sehhietx.

Fl-ambitu tat-tielet talba fejn qed jintalbu rimedju din il-Qorti tista' biss tiddeciedi kif isegwi:

(i) Illi l-provvediment taht l-artikolu 3 tal-Avviz Legali 149 tal-2007 (Regolament dwar il-Kontroll ta' Flus) formanti parti mill-Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni (Kapitolu 233 tal-Ligijiet ta' Malta) li jimponi multa ta' 25% fuq l-ammont inizjali ta' ghaxart elef Euro (€10,000), li hija s-somma kkunsidrata bhala skont il-ligi, huwa bi ksur tad-drittijiet tar-rikorrent ai termini tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghar-ragunijiet suesposti u ghaldaqstant ma ghandu jkollu l-ebda applikazzjoni fil-konfront tar-rikorrent;

(ii) Illi l-fatt li l-artikolu 3 tal-Avviz Legali 149 tal-2007 (Regolament dwar il-Kontroll ta' Flus) formanti parti mill-Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni (Kapitolu 233 tal-Ligijiet ta' Malta) ma jaghti l-ebda diskrezzjoni lill-Qorti kompetenti sabiex tiddeciedi hi jekk ghandhiex timponi l-konfiska tal-ammont kollu mabqud in eccess tas-somma ta' ghaxart elef Euro (€10,000) jew ta' parti minnu jew xejn, oltre l-multa ta' 25% fuq l-istess ammont in eccess huwa wkoll bi ksur tad-drittijiet tar-rikorrent ai termini tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghar-ragunijiet suesposti.

Ir-raba' talba:

Illi dwar it-talba ghall-kumpens, in vista tal-fatt li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti quddiem il-Qorti kompetenti, u ghalhekk ghad ma hemm l-ebda decizjoni finali fil-konfront tar-

rikorrent, din il-Qorti tqis li r-raba' talba f'dan l-istadju mhix gustifikata u ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

**Decizjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi l-ilment kostituzzjoni imqajjem mir-rikorrent billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-Avukat Generali ghal dik li hija l-ewwel talba attrici tichadha fil-bqija u tghaddi sabiex:

1. Tichad l-ewwel talba kif dedotta stante li mhux gustifikata;

2. Tilqa' t-tieni talba limitatament kif isegwi u tiddikjara illi dawk il-partijiet tal-Legislazzjoni Sussidjarja 233.07 u cioe' Regolamenti Dwar il-Kontroll Ta' Flus (Artikolu 3 tal-Avviz Legali 149 tal-2007):

a) fejn hija stabilita piena tassattiva ta' multa ta' 25% wkoll fuq l-ewwel somma ta' ghaxart elef Euro (€10,000) mill-ammont kollu li jkun qed jinhareg minn jew jiddahhal f'Malta,

b) flimkien ma' dik il-parti tal-istess ligi li timponi l-konfiska tassattiva tal-ammont kollu li jkun jeccedi l-ghaxart elef Euro (€10,000) oltre l-penali ta' 25% fuq l-istess ammont minghajr ebda diskrezzjoni lill-Qorti kompetenti ghal dik li hija konfiska tal-ammont shih, in parte jew xejn, huma bi ksur tad-drittijiet tar-rikorrent ai termini tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghar-raguni li ma jharsux il-principju tal-proporzjonalita' tal-pieni ghar-ragunijiet moghtija aktar il' fuq f'din id-decizjoni;

3. Ai fini tat-tielet talba u stante li l-proceduri kriminali kontra r-rikorrent ghadhom pendenti din il-Qorti tiddeciedi kif isegwi:

(i) Illi l-provvediment taht l-artikolu 3 tal-Avviz Legali 149 tal-2007 (Regolament dwar il-Kontroll ta' Flus) formanti parti mill-Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni (Kapitolu 233 tal-Ligijiet ta' Malta) li jimponi multa ta' 25% fuq l-ammont inizjali ta' ghaxart elef Euro (€10,000) li hija s-somma kkunsidrata bhala legali huwa bi ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti ai termini tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghar-ragunijiet suesposti u ghaldaqstant ma ghandu jkollu l-ebda applikazzjoni fil-konfront tar-rikorrent;

(ii) Illi l-fatt li l-artikolu 3 tal-Avviz Legali 149 tal-2007 (Regolament dwar il-Kontroll ta' Flus) formanti parti mill-Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni (Kapitolu 233 tal-Ligijiet ta' Malta) ma jaghti l-ebda diskrezzjoni lill-Qorti kompetenti sabiex tiddeciedi hi jekk ghandhiex timponi l-konfiska tal-ammont kollu mabqud in eccess tas-somma ta' ghaxart'elef Euro (€10,000) jew ta' parti minnu jew xejn, oltre l-penali ta' 25% fuq l-istess ammont in eccess huwa wkoll bi ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti ai termini tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghar-ragunijiet suesposti.

Filwaqt li tiddikjara li f'dan l-istadju ma tista' tiprovdi l-ebda rimedju ulterjuri.

4. Ghar-ragunijiet suesposti tichad ir-raba' talba.

Il-Qorti tordna wkoll lir-Registratur Qrati Civili u Tribunali sabiex f'kaz li din is-sentenza tghaddi in gudikat, jibghat kopja ta' din is-sentenza lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati kif jghid u jrid l-Artikolu 242 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.

L-ispejjez kontra l-intimat.

**Moqrija**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**23 ta' Jannar, 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**23 ta' Jannar, 2020**